MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Ottubru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**Vs**

**Abdalla Anasir Ibrahim (Numru tal-Pulizija 20C-027)**
**Thiwang Kulcing Kuok Diang (Numru tal-Pulizija 19CC-080)**
**Adam Ibrahim Alhabbq (Numru tal-Pulizija 19CC-052)**
**AB**
**Josef Brima Ani (Numru tal-Pulizija 19K-045)**
**Fredia Dadie (Numru tal-Pulizija 19II-040)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Abdalla Anasir Ibrahim, Thiwang Kulcing Kuok Diang, Adam Ibrahim Alhabbq, AB, Josef Brima Ani, u Fredia Dadie** li ġew imressqa quddiemha akkużati talli fit-12 ta' Ottubru, 2020, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkunu ffalsifikati skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

**Abdalla Anasir Ibrahim** waħdu ġie akkużat talli ġewwa Lyster Barracks limiti Birżebbuġa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar l-14 ta' Ġunju 2020 u/jew fil-ġranet jew ġimgħat li għaddew, ikkometta ħarba sempliċi waqt li kien fil-kustodja ta' persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu (Kap 9, Sec 151 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, liema ammissjonijiet ġew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom u spjegatilhom il-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinstabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom.

Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li l-imputat AB huwa minuri u allura għandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena inflitta. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputat Abdalla Anasir Ibrahim huwa wkoll imputat b'imputazzjoni addizzjonali ta' ħarba sempliċi.

In vista tan-natura tar-reati kommessi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputati għandhom jiġu trattati b'piena ta' priġunerija effettiva, anke in vista tal-fatt li dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputati **Abdalla Anasir Ibrahim, Thiwang Kulcing Kuok Diang, Adam Ibrahim Alhabbq, AB**, **Josef Brima Ani u Fredia Dadie** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom u:

1. Lil **Abdalla Anasir Ibrahim** tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija;
2. Lil **Thiwang Kulcing Kuok Diang** tikkundannah għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija;
3. Lil **Adam Ibrahim Alhabbq** tikkundannah għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija;
4. Lil **AB** tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija,
5. Lil **Josef Brima Ani** tikkundannah għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija;
6. Lil **Fredia Dadie** tikkundannaha għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur